Minuti tal-laqgħa numru ħamsa (5) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ) li nzammet nhar it-Tnejn, 14 ta' Ottubru 2024, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, l-Qrendi, fil-5:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Is-Sur David Michael Schembri | Sindku |
| | Is-Sa Anthea Sacco | Viċi Sindku (on line) |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |
| | Is-Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |

05.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Presedenza u Ittri ta' Apoloġija

Ma kienx hemm. Madankollu kien hemm talba verbali mil-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco sabiex tkun *on-line* minħabba li weġġgħet sieqa u ma tistax titla' t-taraġ. Din it-talba kienet akkomodata filwaqt li s-Sindku, is-Sur David Michael Schembri ppresjieda l-laqgħa u qal it-talba.

05.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta numru 4**

Minuti

Il-minuti tas-seduta numru erbgħa kienu ikkunsidrati u meħuda bħala moqrija għaliex kienu mgħoddija mal-agenda filwaqt li dawn kienu pproponuti mis-Sur Karmenu Farrugia u ssekondati mis-Sa Nina Skye Briffa u approvati b'vot unanimu mingħajr korrezzjoni.

05.03 **Kantata Riħ fil-Qolla**

Rjieħ fil-Qolla

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri informa lill-kunsillieri illi diġa' iltqajna mas-Soċjetajiet Muzikali dwar dan l-avveniment għaliex dawn se jgħinu bis-*sound* u l-*filming* u ltqajna wkoll fil-Knisja minħabba l-loġistika dwar kif se jintrama' l-palk biex joqgħodu fuq l-korijiet *Magnificat* u *Sine Macula*, fil-Knisja Parrokkjali. Intant, nhar l-Erbgħa, 16 ta' Ottubru, fid-9.00am ġej il-*Cultural Manager* tar-Reġjun. Dwar il-promozzjoni, is-Sur David Schembri qal illi llum stess tqassmu l-*posters* li tqassmu lill-ħwienet u lill-kazini. Din il-kantata se ssir nhar is-16 ta' Novembru u l-kunsillieri talbu l-invit. Peress li din hija organizzata mil-Kunsill Lokali tal-Qrendi, mhux se jinħarġilhom invit u minkejja dan, se jkun qed jintrefa' post fil-Knisja fuq il-bankijiet ta' quddiem.

05.04 ***Finishings* tal-Muniċipju l-ġdid**

Iċ-Ċentru Ċiviku

Ix-xogħol tal-*Finishing* tal-kunsill mexa sew. Is-Sur David Michael Schembri qal illi issa nistgħu nagħmlu *on-site meeting* għaliex ezattament wara l-laqgħa li kellna ix-xahar li għadda tant kien hemm affarijiet fin-nofs li ma kienx possibbli li jidħlu n-nies fih. Is-Sindku qal illi għadhom isiru *on-site meetings* regolarment bejn il-kuntrattur u l-Kunsill kull nhar ta' Ħamis fil-10:00am. Kien deċiż li din iz-zjara mil-KLQ issir nhar is-26 ta'



*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*

Ottubru, 2024 fil-11:00am. Dwar il-Berġa intqal illi x-xogħol mexa ġmielu tant li se jibda l-inċċangar tal-madum tal-art.

05.05 **Vjal Kulħadd** — Vjal Kulħadd

Dwar l-inizjattiva minn Infrastruttura Malta biex il-Kunsilli Lokali japplikaw permezz tal-iskema *Vjal Kulħadd*, is-Sur David Schembri qal illi kkomunika mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Omar Farrugia biex japplika f'isimna biex isir il-proġett tal-pavimentar fil-Misraħ tal-Madonna tal-Ħniena quddiem l-istess Knisja. Dwar dan, is-Sa Marion Parnis qalet li tajjeb li jsir *follow up* mil-Uffiċċju biex nassiguraw li dan isir biex ma tintilifx din l-opportunità.

05.06 **Rapport Finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena** — Rapport Finanzjarju

Ir-Rapport Finanzjarju imħejji mill-Accountant tal-Kunsill tat-Tieni Kwart tal-2024 kien approvat b'vot unanimu filwaqt li kien hemm mistoqsija mis-Sur Karmenu Farrugia biex tkun konfermata ċ-ċifra (*note 13) tal-Cash & Cash Equivalents.* Id-DSE qal illi fir-rapport hemm iċ-ċifra ta' €1,174,957 li se jikkonferma fil-ġranet li ġejjin.

05.07 **Esproprijazzjoni ta' p.m Triq Gregorio Mifsud** — Triq Gregorio Mifsud

Is-Sa Marion Parnis tkellmet dwar Triq Gregorio Mifsud. Hija qalet illi hemm bankina mhix livellata u ma tistax tifhem kif il-bankina saret hekk. Is-Sindku fakkar illi hemm garanzija bankarja tal-kuntrattur (mhux tal-Kunsill) illi wieħed jista' jzomm min-naħa tal-izviluppatur tal-blokka. Dwar ix-xatba li qed tagħlaq it-triq, is-Sindku qal illi mhux *expropriation* hemm bzonn izda *Release* skont l-Avviz Legali 29 tat-2018. Dan jipprovdi biex il-gvern jingħata l-kunsens u jieħu t-triq.

05.08 **Tqassim ta' *Vouchers* tal-ikel tal-qtates** — Vouchers

Intbagħtu n-notifiki lil *Cat Feeders* permezz ta' ittra postali u bħalissa qed jitqassmu l-*vouchers* mil-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Is-Sa Marion Parnis qalet illi hemm bzonn terġa' tiġi mnedija il-kampanja tat-tiswija tal-qtates u s-Sindku, s-Sur David Schembri fakkar illi l-*cat feeders* għandhom jixtru l-għalf mil-ħwienet biss li jinsabu fuq il-lista provduta lilna.

05.09 **Din L-Art Ħelwa – Ġnien tal-Kmand** — Ġnien tal-Kmand

Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem fuq il-Ġnien tal-Kmand u qal li iltaqa' mal-perit ta' Din l-Art Ħelwa li għandhom interess li jirrestawraw dan il-ġnien minn ġewwa. Hu fakkar illi l-faċċata se tkun restawrata mid-Direttorat tar-Restawr u l-Konservazzjoni. Sadanittant il-KLQ hu miexi bit-talba għad-devoluzzjoni tal-istess Ġnien tal-Kmand u hemm il-parti finanzjarja tal-formula x'wieħed irid jipprovdi permezz tal-accountant.

05.10 **Wied iz-Zurrieq – Tisbiħ u Infurzar** — Wied iz-Zurrieq

Dwar Wied iz-Zurrieq bħal issa qed jitwettaq il-proġett ta' tisbiħ u *embellishment* permezz ta' siġar u arbuxxelli minn *Ambjent Malta* u *Project Green* anke permezz ta' *drip irrigation*. Madankollu s-Sindku qal li hemm bzonn l-infurzar għaliex bħalma ilna ngħidu, fejn l-latrina qed jiġi okkupat spazju miftuħ minn ħanut privat.

05.11 **PA5472/24 – Wied iz-Zurrieq** — Proposta għal Wied iz-Zurrieq

Is-Sindku, s-Sur David Schembri qassam *handout* lil kunsillieri fejn turi l-proposta li tinqala t-triq mil-kabbana tal-ġelat 'l isfel u jiġi rranġat l-uffiċċju tal-biljett tad-dgħajjes ta' *Blue Grotto* u jsiru wkoll latrini ġodda u ħazna zgħira għad-dgħajjes taħt it-triq. Minkejja li mill-e-apps li kienet aċċessata



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

dak il-ħin mid-DSE instab illi se jonqos anke l-parkeġġ, kien magħruf li hemm ilmenti għal dan il-proġett min-naħa tal-bugħaddasa li mhux qed jaqblu miegħu. Is-Sur Karmenu Farrugia qal li jekk dan il-proġett għandu jsir, m'għandniex inwaqqfuh. Is-Sindku, is-Sur David Schembri staqsa minn fejn se joperaw il-bugħaddasa sakemm ix-xogħol ikun għaddej. Hu kompla jgħid illi s-sidien tad-dgħajjes iridu l-proġett, izda l-bugħaddasa mhux qed jaqblu. Kompla wkoll jistaqsi jekk jagħmilx sens li jkun hemm latrini addizzjonali bid-dħul tiegħu mal-*wire* tal-*winch* tad-dgħajjes li jiġi perikoluz. Kien deċiz li nifformulaw ir-rapprezentazzjoni tagħna sa nhar it-8 ta' Novembru biex nibgħatu t-tħassib tagħna għal dawn l-osservazzjonijiet. Din se tkun ċirkulata lill-kunsillieri biex kulħadd jaqbel fuqha.

05.12 **Un/loading Bay – Triq iz-Zurrieq** Un/loading bay

Dwar din il-materja kemm il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco, kif ukoll is-Sur Karmenu Farrugia ddikjaraw konflitt ta' nteress. Madankollu qabel ma ttieħdet id-deċizjoni, is-Sa Anthea Sacco qalet biss li l-parkeġġ għar-residenti hu skars ħafna. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li din it-talba mhux qed issir issa, għaliex per ezempju, infetaħ xi ħanut ieħor. Dan il-ħanut ilu jezisti għal diċenji u d-deċizjoni dejjem kienet illi d-distributuri jitfgħu temporanjament il-vettura tagħhom fuq il-*hashes* li hemm fl-ispeċi ta' tkomplija ta' *roundabout* mal-Kappella tas-Salvatur, faċċata. Wara ħafna suġġerimenti fosthom il-proposta ta' parkeġġ bil-ħin, kien deċiz illi l-aħjar għazla hija dik li kull min jiġi jqassam iwaqqaf mal-Kappella tas-Salvatur kif fil-verità jwaqqfu anke l-klijenti ta' dan il-ħanut li għamel it-talba.

05.13 **Ġemellaġġ ma' Klanjec, il-Kroazja** Klanjec

Is-Sur David Schembri qal li hu u s-Sa Stephania Grixti għadhom kemm ġew mill-Kroazja għaliex telgħu bħala parti mil-programm *Erasmus*. Hu qal li kien hemm festival tal-familja u kien hemm kunċert kbir. Issa qed issir il-proposta ta' Ġemellaġġ ma' Klanjec fil-Kroazja. Dan il-post għandu 3,000 ruħ u jinsab siegħa u nofs 'il barra minn Zagreb. Hu qal illi jekk l-awtoritajiet Maltin jagħtuna l-kunsens, hemm il-possibilità li fil-bidu ta' Mejju mmorru niffirmaw il-ġemellaġġ hemmhekk u naraw x'attivitajiet nistgħu nagħmlu flimkien. Kien hemm qbil unanimu li jinbeda l-enkartament biex napplikaw għal dan il-ġemellaġġ.

05.14,01 **Xogħol ta' Infrastruttura** Barriera tal-Mitħna

Dwar il-barriera tal-Mitħna fl-Imqabba, kien konfermat illi hemm ippjanat li jsir *doggy park* kif diġa' kien intqal waqt waħda mil-laqgħat ta' dan il-Kunsill. Din il-proposta qed tagħmilha *Project Green* fejn avzaw lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi wkoll peress li faċċata ta' dan kollu fi Triq l-Imqabba, hemm djar li jagħmlu mal-Qrendi.

05.14.02 Xogħol ieħor ta' infrastruttura fil-Qrendi, qed isir bħalissa peremezz ta' tqaxxir ta' Triq il-Ġwiewel fejn tħaffru *sink holes* fl-art u anke bejn il-Kappella tal-Ħniena u Triq Wied iz-Zurrieq fejn qed jiġu mgħoddija l-katusi tas-*second class water* u jsir il-wiċċ mil-ġdid f'Ħal Lew. Xogħol f'Ħal Lew

05.15 **Punti oħra**



*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*

05.15.01 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem fuq il-periklu li hemm fi Triq il-Panorama fuq ir-riħ ta' Wied iz-Zurrieq. Hu qal illi qed iweġġgħu in-nies minħabba s-sewqan sfrenat li jkun qed iseħħ f'partijiet oħra tat-triq li hija wiesgħa ħafna u imbgħad isibu li din il-parti hija dejqa mmens. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi hemmhekk hemm *split level* u *central strip* u jinħtieġ intervent mill-awtoritajiet biex titwessa biċċa u tinbena mil-ġdid permezz ta' *road retaining wall*. Is-Sindku sostna illi bħal dan il-post għandna wkoll abbuz minn sewqan eċċessiv fil-*By-Pass* u għadu ma sar xejn speċjalment l-urġenza biex isiru dwal fuq iz-*zebra crossings*. Is-Sa Anthea Sacco, l-Viċi Sindku qalet illi hemm *road safety concerns* biex il-*pedestrians* jaqsmu minn Triq Dun Raymond Ellul għal Triq Ġuzeppi d'Arena għaliex m'hemmx *zebra crossing*. Għad irridu naraw liema hu il-post idejali li wieħed għandu japplika għalih ma' *Transport Malta.* Triq il-Panorama

05.15.02 Is-Sa Nina Skye Briffa tkellmet fuq ir-*RIGHTS project*. Hija qalet li dan hu proġett imħejji mill-uffiċċju tal-ET Marie Louise Coleiro Preca u se jkun hemm laqgħa nhar il-25 ta' Ottubru 2024 mill-4.30pm sas-6.00pm fiċ-Ċentru Parrokkjali *Qalb ta' Ġesù,* tal-Qrendi għat-tfal ta' bejn is-sitta u z-zgħazagħ ta' sittax-il sena. Se ssir pubbliċità fil-mezzi soċjali biex jattendu kemm jista' jkun tfal. Il-poster jidher li hemm zball fih għax qed jirreferi li l-laqgħa se ssir fil-25 ta' Novembru. RIGHTS

05.15.03 Is-Sa Marion Parnis tkellmet fuq lampa li mhix tixehel fi Triq Patri Nikol Magro. Dwar dan is-suġġett kien ċempel is-Sur Karmenu Farrugia lid-DSE u avzah biex jimla STL biex titwassal lill-Korporazzjoni Enemalta għaliex il-lampa mhix devoluta lill-KLQ. Hu għamel hekk fl-istess ġurnata li ċempillu minkejja li ma setgħetx tintbgħat qabel ma jipproduċi *schematic diagram* u jkun hemm il-firma tal-kuntrattur tal-Kunsill li se jieħu r-responsabbilità tagħha wara ġie fuq is-sit u installalha id-*demarcation box* u wara li din skont is-Sindku, is-Sur David Schembri, kien ilha ħdax-il sena tixhel. 05.15.04

05.15.04 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar il-kuntrattur tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi għax ma tahniex stima tad-dwal dekorattivi tat-toroq tal-Milied. Hu qal li nħela xahar ieħor. Id-DSE qal li hu talabhielu għal darba, darbtejn. Kien suġġerit biex nitolbu oħra lill-ESS. Dwar tal-Milied

05.15.05 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem ukoll għaliex ma ssewwewx il-lampi li hemm maqtugħin fil-Ġnien tal-Warda. Kien deċiz li r-ritratti li ħa id-DSE jintbgħatu lill-kuntrattur Nexos Co Ltd biex dan jara minn fejn se jġib il-materjal u jibdilhom. Se naraw jistgħux jaqduna l-kumpanija ESS peress li dawn ilhom ħafna maqtugħin. Lampi tad-dawl fil-Ġnien tal-Wards

05.15.06 Is-Sa Anthea Sacco, l-Viċi Sindku, talbet lill-kunsillieri sabiex jiktbu l-artiklu tagħhom sal-ġimgħa d-dieħla. Hija qalet illi l-finanzjament ta' dan il-magazin inġabar kwazi kollu mil-Viċi Sindku u ta' dan kien hemm ringrazzjament mil-membri. Artikli tal-Magazine

05.15.07 Is-Sa Anthea Sacco, l-Viċi Sindku ħarġet bl-ideja li jsir villaġġ zgħir tal-Milied fuq medda ta' ġurnata. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li nistgħu niltaqgħu u niddiskutu izda l-finanzament ta' dan kollu jibqa' l-*issue* maġġuri flimkien mar-rizorsi umani. Villaġġ tal-Milied

05.15.08 Kien deċiż li jsir party tat-tfal tal-Milied u dan se tieħu ħsiebu is-Sa Nina Skye Briffa. Intqal illi hemm bzonn li noħorġu b'data qabel ma jkun hemm id-data stabbilita mis-soċjetajiet u l-każini. — Party għat-tfal

05.15.09 Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco tkellmet dwar resident li talabna l-qsari biex isebbaħ quddiem il-bieb. Hija qalet illi tkellmet ma' *Ambjent Malta* u se jipprovduhom huma. — Qsari

05.15.10 Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco talbet *feedback* dwar is-*sleeping policeman* li applikajna għaliha f'Tat-Torba fejn ir-roundabout ta' Ħaġar Qim. Dwar dan, għad m'hemmx rispons minn Transport Malta. — Sleeping Policeman

05.15.11 Is-Sur Karmenu Farruiga talb ir-reazzjoni tal-KLQ dwar l-applikazzjoni PC59/20 pprezentata mill-Perit Anthony Robinson. Dak il-ħin stess id-DSE daħal fuq l-e-apps tal-Awtorità' tal-Ippjanar u ra l-applikazzjoni fejn hemm il-proposta li tinfetaħ triq ġdida minn Triq Filippu Guttenberg. — Triq Ġdida

05.15.12 Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco talbet direzzjoni dwar applikazzjoni numru PA6128/24. Id-DSE se jibgħatilha ir-ritratti tal-inħawi magħrufa tat-Tikli Tajk fejn hemm borġ ġebel u spiss ikun mimli skart. Is-sit jinsab viċin Villa x-Xemx fl-inħawi tal-Żelliqot. — L-inħawi Tikli Tajk

05.16 **Appuntament għal seduta oħra u aġġornament** — Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata fit-19:46 u se ssir oħra nhar il-11 ta' Novembru, 2024 fil-5.30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 11 ta' Novembru, 2024 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Eżekuttiv — Sindku



*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*